MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 413/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-20 ta' Diċembru, 2005 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi l-kontendenti żżewġu fit-tmienja u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (28/6/1991) (ċertifikat taż-żwieġ esebit bħala Dokument A) mil-liema żwieġ twieldu żewġt ulied: X ta' tnax-il sena u Y ta' disa' (9) snin;

Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli minħabba sevizzi, minaċċi, moħqrija, theddid, swat, vjolenza u inġurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu u uliedu, kif ukoll il-problema ta' alkoħol li għandu l-konvenut;

Illi l-attriċi għalhekk tixtieq li tissepara *ad mensa et thoro* minn mal-konvenut u konsegwentement iseħħ ukoll ix-xoljiment u d-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom;

Illi l-attriċi tixtieq ukoll li jiġi dikjarat li bħala konsegwenza tas-suriferit il-konvenut iddekada mill-jeddijiet konjugali kollha previsti mill-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Illi l-attriċi ġiet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-proċeduri permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat ħdax ta' Novembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u numerat 1655/2005, kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument B.

Għalhekk jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minħabba sevizzi, minaċċi, moħqrija, theddid, swat, vjolenza u inġurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu u uliedu, kif ukoll il-problema ta' alkoħol li għandu l-konvenut;

2. tafda l-kura u l-kustodju tal-minuri X u Y f'idejn l-attriċi u fl-eventwalita' li l-konvenut jingħata aċċess għall-istess minuri dan għandu jsir dejjem taħt superviżjoni ta' *social worker*;

3. takkorda lill-istanti manteniment xieraq għaliha u għal uliedha minuri, u tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-istess manteniment;

4. tiddikjara li l-attriċi flimkien mal-minuri X u Y għandhom jibqgħu jgħixu fid-dar matrimonjali, ad esklużjoni tal-konvenut;

5. tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti hija xolta u għalhekk tgħaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti, u dana mhux neċessarjament fi kwoti ugwali bejn il-kontendenti, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi, Nutar biex jippubblika l-att pubbliku u kuraturi biex jidhru għall-eventwali kontumaċi;

6. tapplika fil-konfront tal-konvenut żewġha s-sanzjonijiet stipulati fl-artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dana bħala konsegwenza tal-ħtijiet tal-konvenut fit-tkissir ta' dan iż-żwieġ;

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut baqa' ma ppresentax nota tal-eċċezzjonijiet u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attriċi u d-dokumenti esebiti minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni. Il-Qorti semgħet ix-xhieda u ma hemm ebda dubbju li t-talbiet attriċi għandhom jiġu akkolti. Il-konvenut għandu problema ta' xorb u ġew esebiti rapporti ta' inċidenti li fihom l-attriċi spiċċat vittma. Il-Qorti ukoll tissimpatizza mal-attriċi li minkejja d-diffikoltajiet qed tipprova trabbi lil uliedha mill-aħjar li tista'. Il-konvenut għandu introjtu ta' ċirka mitejn u erbgħin Lira Maltin (Lm240) fix-xahar skond id-dikjarazzjoni tal-attriċi. Barra minn dan l-attriċi għandha tingħata tliet elef, seba' mija, tlieta u sittin Lira Maltin (Lm3,763) bħala sehmha mill-komunjoni u erbat elef, ħames mija u ħamsin Lira Maltin (Lm4,550) valur tal-beni parafernali kif jidher mill-affidavit tagħha jekk kull parti żżomm dak li għandha fil-pussess tagħha llum. Id-dar konjugali hija proprjeta' parafernali tal-konvenut iżda għalkemm ċertament hu iktar xieraq li tgħix fiha l-attriċi u ulied il-partijiet l-istess attriċi fl-affidavit tagħha ddikjarat li ma xtaqitx li terġa' tmur tirrisjedi hemmhekk għar-raġunijiet tagħha.

Kif ġia' ingħad il-konvenut huwa kontumaċji u ma ressaqx provi.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni;**

**2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri X u Y lill-attriċi;**

**3. tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut iħallas manteniment fis-somma ta' mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar għall-attriċi u erbgħin Lira Maltin (Lm40) fix-xahar għaż-żewġt itfal minuri imsemmija;**

**4. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba stante d-dikjarazzjoni tal-attriċi;**

**5. tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attriċi s-somma komplessiva ta' tmint elef, tliet mija u tlettax-il Lira Maltin (Lm8,313) (konsistenti fi tlett elef, seba' mija u tlieta u sittin Liri Maltin <Lm3,763> sehmha mill-komunjoni u erbat elef, ħames mija u ħamsin Liri Maltin <Lm4,550> beni parafernali tagħha) u applikabbli l-provvedimenti tal-Artiklu 48 fil-konfront tal-konvenut. Tapplika ukoll fil-konfront tiegħu d-disposizzjonijiet tal-artikoli 51 sa 55 tal-Kapitlu 16 fejn mhux dispost diġa' fis-sentenza. Kull parti għandha żżomm il-beni mobbli fil-pussess tagħha llum.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------